**18 ta' Marzu, 1986**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Dottor Joseph Troisi *noe*

*versus*

Malcolm Pace *et noe*

## Vapur – Bastiment – Aġent ta' – Responsabbilità ta'

*Kawża għal rekuperu ta' kreditu. Fuq evalwazzjoni tal-provi, il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti in kwantu ċaħdet l-eċċezzjoni illi ma kinitx responsabbli għal tali debitu s-soċjetà konvenuta għaliex aġixxiet bħala aġent ta' vapur u sabet illi kienet "di proprio" responsabbli s-soċjetà konvenuta.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ li biha l-attur *nomine* wara li ppremetta illi fuq ordni tal-konvenuti *nomine* ta' l-10 ta' Mejju, 1982 l-attur *nomine* biegħ lill-konvenuti *nomine* u kkonsenjalhom żejt u ċjoè sitt *drums* tat-tip *Marine MPX 30,* tlieta u sittin *drum* tat-tip *Marine SPD 265,* erbgħa u tletin *drum* tat-tip *Marine Heavy* u *drum Perfecta T68* bil-prezz kumplessiv ta' sitta u tletin elf tliet mija sitta u sittin punt wieħed wieħed dollari Amerikani *(US Dlrs 36,366.11)* liema prezz il-konvenuti *nomine* obbligaw ruħhom li jħallsu fuq l-imsemmi ordni fi żmien erbgħa u ħamsin (45) jum mid-data tal-konsenja (Ara Dok. A u Dok. B);

Premess illi l-ispejjeż tal-ġarr tal-merċa fuq imsemmija magħmula mill-attur *nomine* sal-post indikat mill-konvenuti *nomine* jammonta għall-mija u dsatax-il lira Maltija u sittin ċenteżmu (Lm119.60,0);

Peress illi bir-rata tal-kambju meħuda bħala 2.3767 dollari Amerikani kull lira Maltija (liema rata hija dik fornita mill-Bank Ċentrali ta' Malta) l-imsemmija somma ta' *US Dlrs 36,366.11* hija ekwivalenti għal ħmistax-il elf tliet mija u lira Maltija disa' ċenteżmi u tliet milleżmi;

Peress illi l-konvenuti *nomine* ħallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' erbat elef lira Maltija (Lm4,000) akkont tal-kreditu fuq imsemmi ta' l-attur *nomine;*

Peress illi l-konvenuti *nomine* baqgħu ma ħallsux lill-attur *nomine* s-somma bilanċjali ta' ħdax-il elf erba' mija u għoxrin lira Maltija disgħa u sittin ċenteżmu u tliet millezmi (Lm11,420.69,3) anke wara li ġew interpellati sabiex iħallsu permezz ta' ittra bonarja tat-13 ta' Settembru, 1982 u *nonostante* li d-debitu kellu jitħallas fi żmien 45 jum mill-konsenja kif fuq imsemmi;

Peress illi d-debitu huwa ċert likwidu u dovut u illi fil-fehma ta' l-attur *nomine* l-konvenuti *nomine* ma għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu għat-talba tal-ħlas hawn taħt imsemmija;

Peress illi l-attur *nomine* qiegħed jammetti ma' dina ċ-ċitazzjoni affidavit skond l-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Dok. Ċ);

Peress illi l-attur *nomine* talab li jinħareġ mandat ta' sekwestru kontra l-konvenuti *nomine* sabiex il-kreditu tiegħu jiġi kkawtelat;

Talbu lil dika l-Qorti:

(1) Tgħaddi għas-sentenza bid-dispensa tas-smigħ a tenur ta' l-artikolu 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u

(2) Tikkundannakom tħallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm11,420.69,3 dovuta minnkom lilu bħala bilanċ ta' prezz

ta' żjet li huwa biegħ lilkom u kkonsenja u ġarr skond l-ordni tagħkom u spejjeż tal-ġarr ta' l-istess żejt, liema prezz intom obbligajtu ruħkom li tħallsu;

Bl-interessi kummerċjali mill-10 ta' Mejju, 1982 u ċjoè d-data tal-konsenja, u bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru maħruġ kontestwalment ma' dana l-att. Intom inġunti biex tidhru *għas-subizzjoni*;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ ta' l-14 ta' Ġunju, 1984 li biha laqgħet it-talba ta' l-attur *nomine* u għalhekk ikkundannat lill-konvenuti *nomine* jħallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm11,420.69,3 u dan għar-raġunijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż u bl-interessi kif mitlub u dan wara li kkunsidrat dak li ġej u ċjoè:

L-attur qed jallega f'din il-kawża li fuq ordni tal-konvenuti *noe* ta' l-10 ta' Mejju, 1982, li huwa biegħ u kkonsenjalhom kwantità żejt ammontanti f'valur komplessiv ta' 36,366.11$ liema prezz il-konvenuti obbligaw ruħhom li jħallsu fuq l-imsemmi ordni fi żmien 45 jum mill-konsenja (Dok. A u B). Barra minn hekk l-attur jippretendi li għandu jieħu mingħand il-konvenuti *noe* s-somma ta' £119.60 għall-ġarr tal-merċa sal-port indikat *mill-konvenut*;

Skond ir-rata tal-kambju ta' 2.3767$ Amerikani għal kull lira Maltija l-ammont dovut barra tal-ġarr jiġi li hu Lm15,301. Billi l-konvenuti *nomine* ħallsu lill-attur *noe* Lm4000 akkont tal-kreditu tiegħu b'hekk jiġi li l-attur qed jippretendi li fadallu jieħu bilanċ ta' Lm11,420.69ċ3m u għalhekk kellu jistitwixxi din il-kawża;

Din il-kawża ġiet institwita taħt il-provvedimenti ta' l-Art. 167 *et* tal-Kodiċi tal-Proċeduri Ċivili. Però b'verbal tas-26 ta' Ottubru, 1982 ġie rreġistrat li billi l-konvenut ssodisfa lill-Qorti li kellu eċċezzjoni valida x'jagħti, il-Qorti awtorizzatu jippreżenta nota ta' l-eċċezzjonijiet sas-26 ta' Novembru, 1982;

Fil-fatt skond nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu tal-15 ta' Novembru, 1982 il-konvenut qed jeċċepixxi li s-soċjetà konvenut mħarrka "*de proprio*" m'hix debitriċi billi n-negozju li għamlet mas-Soċjetà attriċi ma għamlitux għaliha nnfisha imma bħala aġent tal-vapur M.V. Serħan;

Il-kwistjoni kollha f'din il-kawża tirrisolvi ruħha f'waħda ta' kredibilità. Kull ma għamel l-attur f'din il-kawża kien li kkonferma l-ammont. Ta' kif ġraw il-fatti wieħed irid joqgħod jew ma joqgħodx fuq iż-żewġ xhieda prodotti minn wieħed li llum ma għadux impjegat miegħu u ċjoè Wilfred Naudi u l-ieħor Anthony Grima Direttur tas-Soċjetà attriċi;

Wilfred Naudi xehed li hu kien biegħ u kkonsenja l-ammont ta' żejt imsemmi fiċ-ċitazzjoni lill-konvenut u li kien effettwa l-konsenja fil-port fejn ġie indikat lilu mill-konvenut. Mix-xiehda tiegħu jirriżulta li huwa kien għamilha ċara mill-bidu nett li hu ried ibiegħ u jkollu x'jaqsam personalment mal-konvenut proprju u mhux mal-vapur. In fatti dan qal li "l-kont ta' dan ix-xogħol kellu jkun responsabbli għalih il-*K&M Ltd.* Fil-fatt jien kont għidt lil Malcolm Pace għal *K&M Ltd.* li jien, qabel ma jikkonfermali b'ittra li hu ser ikun responsabbli tal-ħlas ma kontx bi ħsibni nagħmel konsenja. Wara li bagħatli l-ittra jien għamilt il-konsenja li semmejt fl-istess ġurnata". L-istess Wilfred Naudi xehed li għamel hekk billi l-ammont ta' flus li jkun dovut ma' bejgħ taż-żejt kien ikun konsiderevoli;

*L-ittra* li għaliha għamel referenza Wilfred Naudi hija Dok. A a fol. 4 tal-proċess. F'din l-ittra hu qed jiġi mitlub biex jagħmel il-konsenja in kwistjoni fil-post indikat. Il-parti sinikattiva ta' l-istess ittra hija l-aħħar sentenza fejn hemm mitlub *"Payment will be effected by us within 30 to 45 days"*. Din l-ittra trid tiġi kkunsidrata fid-dawl tax-xiehda mogħtija minn Naudi u x-xhud l-ieħor Axisa;

Fil-fatt kemm Naudi kif ukoll Axisa fuq suġġeriment da parti tal-konvenut ippruvaw jaraw, mas-soċjetà minnhom rappreżentata jistgħux jagħtu ż-żejt *Castrol Contracted*. L-ewwel ħaġa li għamel ix-xhud Axisa meta ċempel il-konvenut għaż-żejt kien li jistaqsih "Min ser iħallas" billi s-somma kienet konsiderevoli. Bħala fatt huwa pprova jikkuntattja lill-kumpanija biex jara fuq *l-owners* tal-vapur kienu *Castrol Contracted* però l-konvenut Pace qallu li l-*owners* kellhom jinbiddlu hawn Malta u s-soċjetà ta' barra riedet tkun taf min huma qabel. Infatti lil Axisa s-soċjetà estera qaltlu li riedet tkun taf minn huma l-*owners* il-ġodda qabel ma taċċetta li titħallas direttament hi mill-*Owners* tal-vapur;

Il-konvenut kellu f'moħħu biss xi profitt ser jagħmel mill-bejgħ in kwistjoni. Infatti anke kieku kellha taċċetta l-kumpanija li titħallas direttament li hu talab *commission*. Però f'każijiet simili l-prospett ta' l-attur kien ikun żgħir u ma kienx jiflaħ *commission*. F'dan il-każ il-Qorti tħoss li ma għandhiex tiġi svijata b'xi jsir issoltu u bil-kliem *"Castrol Contracted" o meno.* Quddiem għandha bħala fatti li l-konvenut ried lill-attur iforni żejt lill-M.V. Serħan u li din għamilha ċara sa mill-bidu nett li hi riedet li jkollha relazzjoni diretta biss mal-konvenut *noe da proprio* u dan għar-raġunijiet tagħha. Però apparti dan hija kienet informata li l-vapur kien ser ibiddel l-*Owners* u għall-

ewwel l-anqas kienet taf minn huma u apparti dan kollu kien hemm il-kwistjoni li l-ammont kien konsiderevoli. L-unika konċessjoni li għamel l-attur lill-konvenut kien li minflok żmien għall-ħlas ta' 30 ġurnata f'dan il-każ ta' żmien 45 ġurnata;

Fil-fatt issuċċeda li wara l-konsenja però qabel bdiet il-kawża Axisa kien tkellem ma' Pace fejn Pace kien talbu żmien għall-ħlas, sakemm jitħallas hu mill-vapur. Il-ftehim ma ntlaħaqx għaliex l-attur ried terminu ffissat billi kienu tiegħu lill-konvenut *proprio*. Il-konvenut ifforma wkoll pagament *"a scaletta"* però anke dan il-ftehim ma seħħx għax ma aċċettax il-konvenut. Fil-fatt huwa sintomatiku li mis-somma oriġinali l-konvenut kien ħallas Lm4,000 akkont lis-Sur Anthony Axisa xehed ukoll li wara l-ewwel dehra fil-kawża kien ċempillu l-konvenut Pace u offra li jħallas is-somma oriġinali mingħajr interessi, bid-*discount* u mingħajr spejjeż. L-attur ma aċċettax billi in esekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru kien assikura ruħu bil-ħlas;

Lanqas ma jista' jingħata xi valur speċjali li Dokumenti esebiti a fol. 27 tal-proċess dan sempliċi fatt li kienu ġew iffirmati minn Naudi għas-soċjetà attriċi u l-kaptan. Il-valur ta' dawn id-dokumenti hu ristrett biss għal x'kienu saru u ċjoè għall-finijiet tal-liġi tad-Dwana. Fuq kollox il-bejgħ ġie effettwat lill-konvenut però l-konsenja kellha ssir lill-vapur;

Mill-kumpless tal-provi l-Qorti tinsab sodisfatta mill-allegazzjonijiet ta' l-attur *noe* u kwindi għalhekk jidher li l-pretensjoni attriċi tinsab sodisfatta;

Rat a fol. 52 in-nota ta' l-appell tal-konvenuti *nomine* u a fol. 54 sa 56 il-petizzjoni ta' l-appell tagħhom li biha talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka d-deċiżjoni appellata bl-ispejjeż

*taż-żewġ istanzi* kontra l-attur *nomine* appellat;

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat li biha għar-raġunijiet fiha kkontenuti ssottometta li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż kontra l-appellant;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet *it-trattazzjoni;*

Ikkunsidrat:

L-Ewwel aggravju ta' l-appellant hu fis-sens illi mix-xhieda u mid-dokumenti esebiti ma rriżultax illi l-bejgħ kien lill-konvenuti *nomine* imma lill-vapur u hemm skond il-prattika normali ta' l-aġenti tal-vapur u l-ġurisprudenza lokali u estera *dwar ir-responsabbilità ta' l-aġent tal-vapur il-konvenuti ma* jistgħux jiġu tenuti responsabbli għall-ħlas. Skond l-appellanti *nomine* l-Ewwel Onorabbli Qorti njorat totalment dawn il-konsiderazzjonijiet ta' liġi u użu kummerċjali u llimitat ruħha għal eżami ħafif tax-xhieda ta' l-attur;

It-tieni aggravju ta' l-appellanti *nomine* jikkonsisti filli skond huma l-Ewwel Onorabbli Qorti tat forza probattiva lil xhieda *li* ma *kellhiex* din *il-forza;*

Dawn iż-żewġ aggravji ser jiġu kkunsidrati flimkien għax f'ċertu sens kif ser jiġi spjegat huma komplimentari;

Il-konvenut appellanti qegħdin jippretendu żewġ konklużjonijiet u ċjoè:

1. Illi l-użu fil-kummerċ korrenti u l-ġurisprudenza tagħna u ta' pajjiżi oħra teżimihom mir-responsabbilità għax bħala aġenti tal-vapur m'humiex responsabbli;

2. Illi huma aġixxew biss bħala aġenti tal-vapur u fl-ebda ħin ma assumew xi responsabbilità għal ħlas;

Ikkunsidrat:

Illi fil-fehma tal-Qorti ma jistax ikun hemm dubju mill-provi mismugħa illi l-ftehim li sar bejn id-ditta attriċi u dik konvenuta kien espliċitu biżżejjed biex ma jkunx hemm dubju dwar ir-responsabbilità diretta tal-konvenuti *nomine;*

Infatti jidher ċar mill-provi mismugħa illi billi kien hemm ħin ristrett, billi fil-każ partikolari ma setax ikun hemm konsenja *"Castrol Contracted"* għax id-ditta *Castrol* ma daħlitx parti fil-kuntratt, billi l-proprjetà tal-vapur ġiet proprju ttrasferita f'dawk il-ġranet, id-ditta attriċi għamlet dak li jidher dejjem tagħmel f'ċirkostanzi simili u ċjoè qabel ma forniet iż-żejt esiġiet u otteniet l-obbligazzjoni ta' l-aġent għal ħlas. F'kelma waħda kundizzjoni *sine qua non* għall-esekuzzjoni tal-kuntratt kienet li l-aġent indipendentement minn użi u ġurisprudenza jidħol responsabbli għal ħlas. F'din il-konsiderazzjoni din il-Qorti bħall-Ewwel waħda tħossha konvinta u hu kważi assurd l-argument tal-konvenuti *nomine* li huma ntrabtu biss li l-pagament isir Malta. Id-Dok. 'A' a fol. 4 infatti ma jħallix dubju u l-kliem *"payment to be effected by us within 30 to 45 days"* ifissru dak li jgħidu u mhux kif donnu qed jippretendu l-konvenuti *nomine;*

F'dan l-isfond il-konsiderazzjonijiet ta' użu u ġurisprudenza li l-konvenuti *nomine* ppretendew li għandhom rilevanza, fil-

fatt, m'għandhom ebda valur, għax superati inekwivokabilment mill-ftehim speċifiku li ntrabtu bih il-konvenuti *nomine*. Wara kollox din il-Qorti għandha tassumi li l-konvenuti *nomine* daħlu fl-istess ftehim *in bona fede* u *mhux* bl-intenzjoni li jiffirmaw għall-obbligazzjonijiet vojta jew addirittura kontra dak li riedu;

Dwar kredibilità ta' xhieda u valutazzjoni ta' provi din il-Qorti wara li kkunsidrat kollox ma jidhirlix li hemm xi raġuni valida biżżejjed biex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti u ħafna mis-sottomissjonijiet tal-konvenuti huma evidentement bla bażi għax proprju kontradetti mill-provi;

F'waħda mis-seduti quddiem din il-Qorti l-attur *nomine* appellat talab li l-appell odjern jiġi kkunsidrat temerarju u li jiġu *imposti d-doppia* spese kontra l-appellanti *nomine;*

Din il-Qorti, però, ma tarax li dan l-appell, benchè jirrażenta l-frivola u vessatorju ma jiġġustifikax l-applikazzjoni tal-provvediment mitlub;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost billi tiċħad l-istess u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' din l-istanza jkunu kollha a kariku tal-konvenuti *nomine* appellanti.